**FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI**
*Foundation for Educational Services*

# Workshop Numru 11

**Sandro Spiteri**
**Is-Sibt**
**Lingwa: Ingliż**

# *L-Assessjar tal-Kitba / L-Assessjar għall-Kitba*

## Deskrizzjoni tal-Workshop

Għal ħafna għalliema, li tikkoreġi l-kitba hija battikata solitarja u bla gost, li l-istudenti qajla japprezzaw u li ma tidhirx li twassal għal titjib fil-kitba. Għal ħafna studenti, l-assessjar tal-kitba tagħhom 'jippremjahom' b'marka jew kumment ġenerali li ftit għandhom tifsira, jew li jiffukaw – għal darb'oħra – fuq l-iżbalji grammatikali u ortografiċi tas-soltu. Ma jurihomx x'għamlu tajjeb, u kif jistgħu itejbu kitbiethom. Għal ħafna ġenituri l-assessjar huwa xi ħaġa li jagħmlu l-għalliema u li huma ma jidħlux fiha.

F'din il-'workshop' naraw kif nistgħu nittrasformaw l-assessjar tal-kitba f'għodda pożittiva ta' tagħlim, li:

- il-ġenituri jistgħu jipparteċipaw fiha biex jgħinu lil uliedhom
- l-istudenti jieħdu gost biha u jitgħallmu minnha
- tbiddel l-ghalliema minn imħallfin tal-kittieba għal imsieħba fil-kitba.

## Nota Bijografika

Sandro Spiteri għallem għal 13-il sena fi skejjel statali u indipendenti. Bħala kap tad-dipartiment kellu responsabbiltà għat-taħriġ ta' l-għalliema, u t-tiswir u l-iżvilupp tas-sillabu tal-Malti u r-Reliġjon fi skola indipendenti sekondarja. Għandu 'Masters' fit-tagħlim tal-kitba u jħarreġ l-għalliema u lill-istudenti għalliema fil-metodoloġija tal-Malti. Jgħallem ukoll il-Malti għal Skopijiet Speċjali fl-Università ta' Malta. Fl-2001 sar Ko-ordinatur Nazzjonali ta' l-Istitut għall-Appoġġ Edukattiv ta' Tfal u Ġenituri fil-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi (FES), u mexxa programmi nazzjonali biex jitwaqqfu u jissaħħu servizzi ta' litteriżmu fil-familja u t-tisħiħ tal-ġenituri, kif ukoll biex l-iskejjel jiġu mgħejjuna jiżviluppaw servizzi b'risq il-ħiliet bażiċi. Kien ukoll il-Ko-ordinatur ta' P.E.Fa.L., proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea, li kien l-ewwel proġett tat-tip Grundtvig ko-ordinat minn istituzzjoni Maltija. Sandro waqqaf u jmexxi wkoll il-'Malta Writing Programme' fi ħdan l-FES. Hu mexxa u pparteċipa f' 'Writing Workshops' għal studenti għalliema, għalliema, amministraturi u ġenituri. Illum għandu l-kariga ta' 'Senior Executive' fl-FES, b'responsabbiltà għat-taħrig, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-proġetti internazzjonali.